QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 27 TA' APRIL 2001

Rikors Nru 1414/97DM

Raymond Vella

vs

Felix Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghal-kundanna tal-konvenut biex jhallas is-somma ta’ erba’ mija u ghoxrin lira Maltin (LM420) rappresentanti l-prezz ta’ xoghol ta’ tarag tal-injam li kien inkarigat jaghmel fil-post il-gdid tieghu gewwa s-swatar.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ mandat Kawtelatorju ta’ Sekwestru ppresentat kontestwalment ma l-Avviz, bl-imghaxijiet kummercjali ulterjuri dekorribli b’effett mill-11 ta’ Lulju 1997 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenut li jibqa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Felix Mifsud fejn eccepixxa:-

1 Illi, in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) u 2149(a) tal-Kodici Civili (Kap 16)

2 Illi, preliminarjament ukoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talba attrici hija intempestiva, billi l-attur ghadu sallum lanqas biss baghat kont jew invoice, ossija ghamel xi talba ghall-hlas tal-ammont minnhu reklamat kontra l-esponent.

3 Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari fuq sollevati, it-talba attrici hija wkoll eccessiva, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

4 Illi, fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi bilanc talvolta dovut lill-attur gie pacjut ma' somma ohra dovuta mill-istess attur lill-esponent, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza;

.

5 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tat-2 ta' Dicembru 1997 fejn gie nominat il-Perit AIC William Cassar Torregiani bhala espert tekniku

Rat id-digriet tat-8 ta' Mejju 1998 fejn il-Perit AIC William Cassar Torregiani gie sostitwit bil-Perit AIC Alfred Camenzuli bl-istess inkarigu.

Rat il-verbal tat-12 ta' Novembru 1999 fejn il-Perit Tekniku pprezenta ir-relazzjoni.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi bl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut issolleva l-preskrizzjoni ta tmintax (18) il-xahar kontemplata fl-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 u alternattivament dik ta sentejn kontemplata fl-Artikolu 2149 (a) tal-istess Kap. 16.

Billi l-attur stess fid-deposizzjoni tieghu jispjega li l-azzjoni tirrigwarda esklussivament it-talba ghall-hlas ta kumpens ghall-kostruzzjoni ta tarag tal-injam li huwa kien ezegwixxa bhala mastrudaxxa, il-preskrizzjoni applikabbi hija appuntu dik ta tmintax il-xahar ikkontemplata fl-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 li tirrigwarda " *azzjonijiet ta mastrudaxxi … ghall prezz tal-opri jew tax-xogholijiet taghhom"*

Ghalhekk, billi ma jirrizultax li saru xi interruzzjonijiet tal-perijodu tal-preskrizzjoni u l-ewwel att gudizzjarju innotifikat lill-konvenut kien l-avviz odjern ipprezentat fil- 11 ta' Lulju 1997, huwa necessarju li jigi determinat meta tlesta ix-xoghol tal-attur biex jista jigi stabbilit jekk l-azzjoni hijiex preskritta.

Ghalkemm il-konvenut jsosstni li dan ix-xoghol sar fl-1994 u li m'ghandhu jghati xejn tieghu ghaliex jippretendi li kellhu jsir bla hlas bhala favur jew ghaliex l-attur kien digia ikkumpensat sew ghall istess xoghol, l-attur stess bil-gurament isosstni li x-xoghol kien lestieh f'Dicembru 1995.

Ghalhekk anke jekk wiehed jikkoncedi li x-xoghol tlesta fil-31 ta' Dicembru 1995, fil-11 ta' Lulju 1997, il-perjodu tal-preskrizzjoni ta 18 il-xahar kien digia lahaq iddekorra fit-30 ta' Gunju 1997 u konsegwentement tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara illi l-azzjoni attrici hija preskritta a termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello B A LLD

S. Farrrugia
Dep Reg
civ17